MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1184/2002/1

**Paul u Helen konjugi Caruana**

**vs**

**Norman u Jeannine konjugi Connell**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Dicembru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jirrifondu lill-atturi s-somma ta' elf, erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin (Lm1489.00), liema somma thallset lilhom indebitament u bi zball mill-atturi abbazi ta' konteggji zbaljati (Dokument X1 a X4) illi kienu saru bejniethom abbazi ta' skrittura datata 28 ta' Awissu 1998

kif redatta min-Nutar Dr. Pierre Cassar (Dokument Y ) u dana skond l-anness prospett (Dokument Z) billi minflok ma kien gie applikat skond ossia tnaqqis ta' hamsa u tletin fil-mija (35%) fuq is-'Salie price' tal-istock in kwistjoni kif inxtara mill-konsumatur skond kif kien gie kontrattat bejn il-partijiet gie applikat tnaqqis inferjuri billi l-istess skont ossia tnaqqis gie kkalkolat u applika tpermezz tad-divizjoni tas-'sale price' bic-cifra ta' ta' wiehed punt tlieta hamsa (1.35) u kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-imghaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tad-drittijiet professjonali u tal-ittra legali tat-3 ta' Marzu 2002.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew li t-talba tal-atturi hija nfondat fil-fatt u fid-dritt u kif ser jirrizulta mill-provi l-hlasijiet saru skond il-ftehim u ma sar ebda hlas indebitu.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn huma talbu li l-atturi jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' tlett mija u hdax il-lira Maltin (Lm311.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz li ghadu dovut mill-atturi ghall-bejgh u konsenja ta' stock.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra r-risposta tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn huma eccepew li l-kontro-talba tal-intimati rikonvezjonanti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta minn dan it-Tribunal bl-ispejjes kontra taghhom billi in vista tal-hlas indebitu illi gie effetwat mir-rikorrenti rikonvenzjonati a favur tal-intimati rikonvenzjonanti skond it-talba maghmula mill-istess rikorrenti rikonvenzjonati illi huma debituri lejn ir-rikorrenti rikonvenzjonati.

Sema' x-xhieda ta' Helen Caruana, Louis Muscat Baron, Paul Caruana, Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-konvenuti u

ta' Kevin Avellino. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-atturi.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Ikkunsidra:

Illi fit-28 ta' Awissu 1998 il-partijiet fil-kawza odjerna ffirmaw skrittura (a fol.  Numru 6) fejn il-konvenuti itrasferew b'titolu ta' bejgh lill-atturi l-'istock' li kien jinsab fil-hanut bl-isem ta' Tricotage Studio, fi Triq tal-Karmnu, l-Fgura. In kwantu jirrigwarda l-prezz l-imsemmija skrittura nsibu li dan il-bejgh kellu jsir "versu l-prezz li jigi stabbilit billi jittiehed 'stock taking' sabiex jigi determinat il-kwantita' u t-tip ta' prodott tiehu s-sale price tieghu fil-mument prezenti u kif jinxtara mill-konsumatur u jitnaqqas hamsa u tletin fil-mija (35%)".

Illi l-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda proprju l-interpretazzjoni ta' din il-klawzola. Wara li giet iffirmata l-iskrittura hawn fuq imsemmija fil-fatt sar l-istock take ( ara dokument a fol. 2 sa fol. 5) u gie kalkolat il-prezz li kellu jithallas mill-atturi, liema atturi bdew ihallsu dan il-prezz f'pagamenti rateali. Meta dawn tal-ahhar gew biex jeffetwaw l-ahhar pagament l-attrici kellha dubju dwar il-mod kif gie kalkolat il-prezz tal-'istock' u ghalhekk hija kellmet lill-accountant u qratlu l-klawzola relattiva ghall-prezz u dan tal-ahhar spjegalha li l-iskont ma kienx gie kalkolat skond l-iskrittura u li huma, cioe' l-atturi kienu hallsu lill-konvenuti ammont in eccess ta' dak li effettivament kien dovut skond l-iskrittura.  L-atturi ghalhekk qeghdin jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont li huma hallsu in eccess ta' dak miftiehem stante li l-pagamenti effetwati minnhom saru bi zball u ghalhekk indebitament. Huma qed jiproponu din l-azzjoni abbazi tal-Artikolu 1022 tal-Kap. 16 liema Artikolu jghid is-segwenti:
"(1) Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jed jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur".

Illi l-konvenuti min-naha l-ohra jirritjenu li l-prezz tal-istock gie kalkolat minnhom ai termini tal-iskrittura u ghalhekk m'huwa dovut ebda ammont lill-atturi, anzi, dawn tal-ahhar huma debituri lejhom ghall-ahhar pagament li kien ghadu dovut, liema ammont gie mitlub mill-istess konvenuti fit-talba rikonvenzjonali taghhom.

Illi l-ammont dovut gie kalkolat billi ttiehed is-'selling price' tal-istock wara li sar l-istock taking u dan l-ammont gie diviz b'1.35. Il-konvenuti spjegaw li dan il-metodu gie ndikat lilhom mill-accountant taghhom Kevin Avellino. Dan tal-ahhar spjega li "d-discount f'negozju jinghata billi jittiehed il-prezz originali li biegh kien qed jinbiegh il-prodott u dan il-prezz jigi diviz bir-rata tad-discount. Ezempju: jekk qed jinghata discount ta' 20%, il-prezz originali ghandu jigi diviz b'1,2. B'hekk kien qed jittiehed il-mark up tal-prodott. Nikkonferma li dan huwa l-mod kif jinhadem discount f'business".

Illi l-konvenuti jsostnu li il-fatt li l-iskont kellu jinhadem b'dan il-mod jirrizulta implicitament mill-klawzola tal-iskrittura hawn fuq imsemmija stante li dan huwa l-mod li bih jinhadem l-iskont fin-negozju. Huma jghidu wkoll li l-attrici kienet a konoxxenza ta' dan stante li anki hi kienet involuta fin-negozju qabel ma hadet f'idejha l-hanut tal-konvenuti.

Illi t-Tribunal jistqarr li huwa gharbel fit-tul dwar il-fatti ta' dan il-kaz u dwar il-ftehim bejn il-partijiet u finalment wasal ghal konkluzjoni li ma jistghax jinghad li l-metodu ta' kif jinhadem l-iskont adoperat mill-konvenuti jirrizulta mplicitament mid-dicitura tal-klawzola relattiva fl-iskrittura bejn il-partijiet. Il-konvenuti stess li kienu fin-negozju ma kienux a konoxxenza ta' dan il-metodu qabel l-istess metodu gie spjegat lilhom mill-accountant taghhom meta huma bdew jahgmlu sale ghaliex xtaqu jwellu l-hanut. It-Tribunal innifsu sabha difficli jifhem kif inhadem l-ammont bil-metodu adoperat mill-konvenuti. Kwindi certament ma jistghax jinghad li dan il-metodu jirrizulta implicitament mill-iskrittura. Fil-fehma tat-Tribunal jekk verament il-partijiet qablu u ftehmu li l-iskont kellu jinhadem b'dan il-mod huma kienu jindikaw dan il-fatt specifikatament fil-

ftehim ta' bejniethom. Huma effettivament m'ghamlux dan u l-iskrittura tghid car u tond li l-prezz ghandu jigi kalkolat billi jittiehed is-selling price u jitnaqqas hamsa u tletin fil-mija (35%).

Illi isegwi li il-prezz ikkalkolat mill-partijiet ma kienx skond l-iskrittura u li l-ammont imhallas mill-atturi sar bi zball stante li huma ma kienux debituri tal-konvenuti fl-ammont kalkolat izda f'ammont inqas.

Illi l-konvenuti jsostnu wkoll li l-kalkoli maghmula mill-atturi fid-dokument esibit a fol. 7 tal-process huma zbaljati wkoll ghaliex kien hemm ftehim bejn il-partijiet li fuq l-istock li l-konvenuti originarjament kienu xtraw minghand l-atturi l-iskont kellu jkun ta' 20% u mhux ta' 35%. Anki f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa tal-fehma li l-partijiet kienu jindikaw dan il-fatt fl-iskrittura relattiva ghall-ftehim bejniethom li kieku sar ftehim f'dan is-sens.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil-atturi s-somma ta' elf, erba' mija u disgha u tmenin lira Maltin (Lm1489.00), bl-imghaxijiet pagabbli mill-llum, u billi jichad il-kontro-talba tal-konvenuti.

L-ispejjes kollha ta' din l-istanza, nkluzi dawk relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi."

Il-konvenuti hassewhom aggravati b'din is-sentenza u minnha appellaw b'dawn l-aggravji:-

(a) In-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal biex jitratta t-talba tal-atturi;
(b) Is-sentenza hi bazata fuq fatti li ma jirrizultawx mill-atti;
(c) It-Tribunal ma kellux jilqa' t-talba tal-atturi meta ma jirrizultax illi l-hlas sar bi zball da parti tal-atturi;
(d) It-Tribunal skarta ghal kollox il-provi li tressqu quddiemu, kompriz provi li kienu jxejjnu t-tezi tal-atturi illi seta' kien hemm zball da parti taghhom.

Ghal dawn l-aggravji l-atturi wiegbu illi n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni messha tqajmet mill-konvenuti appellanti ‘in limine litis’ quddiem it-Tribunal.

Fil-meritu, irribattew illi t-Tribunal sewwa analizza l-provi u korrettement interpreta l-ftehim bejn il-partijiet. Jissottomettu, inoltre, illi l-apprezzament tat-Tribunal dwar il-genwinita` tal-izball gie tajjeb indirizzat.

Biex ikun jista’ jigi akkolt appell mit-Tribunal specjali mwaqqaf skond il-Kap. 380, opportunement ghandu jigi senjalat illi dan huwa permissibbli biss fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2) ta’ l-Att V ta’ l-1995. Appell limitatissimu:-

“a) fuq kull haga li jkollha x’taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal;
b) fuq kull kwistjoni ta’ preskrizzjoni;
c) fuq kull nuqqas ta’ tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 7;
d) meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella.”

Dan premess, jidher li permezz tal-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti qed jissollevaw l-inkompetenza ‘ratione valoris’ tat-Tribunal fuq il-motiv illi t-Tribunal htieglu jinterpreta klawsola fi ftehim fejn il-valur kien jeccedi s-somma ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500).

Fl-ewwel lok il-Qorti ma tarax kif l-appellanti jistghu jsostnu s-sottomissjoni generika illi ghax imsejjah biex jinterpreta kuntratt ta’ ftehim, allura t-Tribunal ma ghandux kompetenza. Din il-limitazzjoni ma hi bl-ebda mod bazata fil-ligi. Certament, fil-limiti tal-kompetenza tieghu, t-Tribunal kien hieles li jinterpreta ftehim ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-vertenza jew biex jara jekk jikkonkorrux ragunijiet li jiggustifikaw, jew le, il-kompetenza tieghu. Dan avut rigward tal-materja, valur u grad.

Terga' fil-kaz in ezami t-Tribunal adit ma kellu l-ebda eccezzjoni li jattakka l-gurisdizzjoni tieghu, u tali ma setghetx lanqas tigi inferita mill-unika eccezzjoni li nghatat fil-meritu. It-Tribunal allura, kif hekk jidher ovvju, qies il-materja bhala semplici talba ghar-radd lura ta' somma specifikata ta' flus u ghalhekk, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Att, arroga ghalih il-kompetenza. Kompetenza li issa l-konvenuti appellanti ma ghandhomx dritt fl-istadju tal-appell jattakkaw gjaladarba bl-enuncjazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 774 tal-Kap 12, "l-eccezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistghux jinghataw u lanqas ma jistghu jigu ddikjarati "ex officio", f'qorti fi grad ta' appell". Inkompetenza relattiva ghax-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni (**Kollezz. Vol. XXXIX pI p488**).

Fic-cirkostanzi l-aggravju hekk interpost ma jistghax jigi akkolt.

Rigwardata mill-ottika tal-apprezzament tal-provi biex is-sentenza appellata tirciervi l-attenzjoni kif jixraq ta' din il-Qorti jrid jirrizultalha illi din ma nghatatax skond il-principji ta' l-ekwita` u li dippju tiddifetta fil-ligi.

Dejjem tajjeb li jigi qabel xejn imfakkar illi kif drabi ohra rilevat, "l-ekwita` minnha nfisha trid li ssir gustizzja u jekk ikun jezisti dritt li jiskaturixxi minn obbligazzjoni assunta legalment u li tirrizulta jew minn xi disposizzjoni kontrattwali regolarment konvenuta u accettata bejn il-kontendenti, l-ekwita` trid illi dik id-disposizzjoni, dik l-obbligazzjoni, mhux biss tigi onorata, imma tigi protetta mi-Tribunal ghal Talbiet Zghar, li wara kollox, qieghed hemm biex jaghmel gustizzja. Ikun l-akbar kontro-sens li jinghad illi minhabba konsiderazzjonijiet ohra, li fil-fehma tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar ikunu importanti, drittijiet legali jigu skartati u addirittura injorati jew negati meta huwa evidenti illi dan ma jkun xejn hlief illegalita` li minnha nfisha ma hiex konfacenti u kompatibbli mal-kuncett ta' ekwita`" – "**The Performing Right Society Ltd –vs- Reno Fenech**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

Ribadit dan it-taghlim, ma jistax ikun dubitat illi f'kazijiet bhal dak in ezami jinkombi fuq l-atturi li jipprovaw il-

pagament u li huma hallsu in eccess ta’ dak dovut minnhom. “In particolare l’attore in ripetizione che assume di avere pagato un imposto superiore al proprio debito e` tenuto a dimostrare il fatto costitutivo del suo diritto alla ripetizione, e cioe` l’eccedenza del pagamento” – **Qorti tal-Kassazzjoni Taljana Nru 9604 tas-sena 2000**).

Jidher li t-Tribunal kien sodisfatt, fuq il-bazi tal-provi, u tal-interpretazzjoni tieghu tal-ftehim kontrattat bejn il-partijiet, illi l-atturi ddizimpenjaw ruhhom mill-precitat oneru tal-prova. Fuq kollox, li oltre l-prova tal-hlas huma rnexxielhom juru wkoll illi l-indebitu ma thallasx minnhom xjentement izda ghax indotti minn zball. Zball li fuq l-istregwa tal-fatti kalendati fis-sentenza appellata jirraprezenta l-estrem mehtieg mil-ligi ghas-success tal-azzjoni tar-ripetizzjoni ta’ indebitu. Dan s’intendi flimkien maz-zewg estremi l-ohra tal-pagament u, f’dan il-kaz, il-mankanza jew inezistenza tad-debitu (“indebitum ex re”).

Jidher li t-Tribunal kien sodisfatt illi dawn l-estremi gew b’mod konvincenti ipprovati mill-atturi appellati. Fuq kollox li ma kien hemm l-ebda traskuragni jew irregolarita` fl-agir tal-atturi u li meta dawn skoprew l-izball fuq l-indikazzjoni tal-“accountant” taghhom, irrikkjamaw l-ammont imhallas zejjed minnhom. Ammont li ma kienx misthoqq li jigi ricevut mill-appellanti u dawn ma kellhomx allura jipprofittaw ruhhom. Dan in raguni tal-massima tad-dritt Ruman “jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem” (“**De Regulis Juris**, L.206).

L-istess bhat-Tribunal qabilha din il-Qorti hi konvinta mill-analisi tal-provi illi l-atturi appellati rnexxielhom jiddimostraw li d-debitu kien inezistenti ossija li dawn hallsu in eccess ta’ dak dovut minnhom, fl-liema kaz ir-restituzzjoni da parti tal-konvenuti appellanti ssir obbligatorja. Dan kif hekk hu dispost fl-Artikolu 1147 (1) tal-Kodici Civili li precizament jahseb illi “dak li jithallas bla ma kellu jinghata, jista’ jintalab lura”.

Dispost dan li dwaru ghandu jinghad, in tema proprju ghal kaz hawn kontemplat, illi huwa fondat fuq il-principju gholi

tal-ekwita` li ma tippermettix li wiehed jarrikkixxi ruhu b'dannu ta' ghajru. A propositu l-**Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol XX para 341 pagna 267) isostni li l-accipiens – dak li rceva l-hlas - huwa obbligat li jirrestitwixxi dak li rceva meta mhux dovut "perche la equita` suppone che egli si arricchisce senza causa col danno di colui che ha fatto il pagamento indebito; ma egli si arricchisce senza diritto, a danno altrui, se potesse ritenere cio` che gli e` stato pagato senza essere creditore; <u>l'equita` quindi l'obbliga a restituire</u>".

Fuq l-istregwa ta' dan l-insenjament dottrinali u tal-konkluzjoni raggunta anke minn din il-Qorti f'dan il-kaz ma ssibx raguni biex tissostitwixxi l-apprezzament taghha ghal dik tat-Tribunal. Apprezzament li jidher sew kondott kemm fil-ligi u, b'mod partikolari, fuq il-principji ta' l-ekwita`.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-konvenuti appellanti qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------